MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 55/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Brian (Brian-John) Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Brian (Brian John) Grech:

Talli f'dawn il-Gzejjer f'Novembru 1996, kellu fil-pussess tieghu id-droga Eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-

Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija;

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligjiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga;

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi ttraffika din id-droga fi jew gewwa distanza ta' mitt (100) metru minn skola u postijiet ohra kontemplati fl-artikolu 22(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli sar recidiv skond l-Artikli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 28 ta' Marzu 1994 (Awla B);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta’ Frar 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Brian (Brian-John) Grech hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal ghoxrin (20) xahar prigunerija u multa ta’ elf lira Maltija (Lm1000) liema multa hija pagabbli b’rati mensili ta’ tletin (Lm30) lira u jekk ma tithallasx tinbidel fi prigunerija ta’ tliet xhur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Brian (Brian-John) Grech li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata, tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni ta' Dott. Gavin Gulia ghall-appellant u ta' Dott. Anthony Barbara ghall-appellat;

Ikkunsidrat:

Skond l-appellant, huwa ma kellux jinstab hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu semplicement fuq ix-xiehda ta' Malcolm Azzopardi. Huwa jispjega l-aggravju tieghu hekk:
"1. Il-Qorti tal-Magistrati, fis-sentenza taghha strahet biss fuq ix-xiehda li ta certu Malcolm Azzopardi. Fil-kaz odjern, ix-xiehda ta' dan Azzopardi kienet bizzejjed biex tinkrimina lill-appellant. Huwa minnu illi f'kazijiet relatati mad-droga, m'hemmx ghalfejn japplikaw ir-regoli bazilari ta' korroborazzjoni ta' xi xhud. Dan gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza taghna. Madanakollu, biex Qorti ta' l-ewwel istanza temmen verzjoni ta' xhud wiehed biss u tinkrimina imputat a bazi ta' din ix-xiehda, tali xiehda trid tkun emmnuta sal-grad **tac-certezza morali**. Dan ifisser li l-Ewwel Qorti ghandha fuqha responsabbilta` kbira biex tasal tikkundanna jew tillibera l-imputat. Fil-kawza **IL-PULIZIJA vs ZAMMIT JOHANN** l-Onorabbli Qorti qalet: *'Skond l-Artikolu 30 tal-Kap. 101, id-depozizzjoni ta' xhud li tkun xtrat id-droga minghand l-imputat ma tirrikjedix il-korroborazzjoni li normalment hi rikjesta fil-kaz tad-depozizzjoni tal-komplici. Dan jitfa' responsabbilta` kbira fuq il-Qorti li tezamina sew u bid-dettal id-depozizzjoni ta' dan ix-xhud u ta' xhieda ohra biex tara jekk ghandhiex temmen'*.

2. Effetivament dan l-ezercizzju ma sarx mill-Ewwel Qorti ghax strahet kompletament fuq xiehda wahda ta' Malcolm Azzopardi. Il-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha

skartat zewg elementi importanti. L-ewwel u qabel kollox il-Qorti tal-Magistrati ma tatx piz il-fatt illi matul l-investigazzjoni, il-Pulizija ma sabet xejn ghand l-imputat li jista' b'xi mod ikun relatat jew konness mad-droga. Apparti minn hekk, anki fuq il-persuna ta' l-imputat stess ma nstabet l-ebda droga. Fl-istess waqt, l-imputat kien anki wiegeb fl-istqarrija tieghu lill-pulizija a tempo vergine li hu qatt ma kien biegh jew ta droga lil xi hadd, liema stqarrija baqghet tigi kkonfermata mill-imputat appellant fix-xiehda tieghu.

3. Il-Qorti tal-Magistrati ma haditx in konsiderazzjoni l-fedina penali tax-xhud ewlieni Azzopardi. Il-fedina penali ta' Azzopardi mhijiex wada netta. Imma anzi hija wahda voluminuza u mimlija reati kommessi mill-istess Azzopardi. Tali fedina penali kellha tkun ikkunsidrata mill-Qorti tal-Magistrati sabiex tistabilixxi jekk tassew ix-xhud Azzopardi huwiex xhud kredibbli jew le, specjalment meta strahet biss fuq tali xhud. L-Ewwel Qorti qalet li l-fatt li Azzopardi kien grafiku fix-xiehda tieghu u l-imputat appellant illimita ruhu sabiex jinnega l-fatti migjuba kontrieh, hi (il-Qorti) kellha temmen lix-xhud u mhux lill-imputat.

4. Tali interpretazzjoni tmur kontra l-principju fundamentali u bazilari tal-ligi taghna kontenut fil-massima *in dubio pro reo*, u cioe` li kull dubju li jinqala' fil-proceduri, ghandu jmur a favur l-imputat. Dan johrog mill-fatt illi akkuza ta' htija trid tkun ippruvata lil inn minn kull dubju ragonevoli. Il-fatt stess illi l-imputat appellant innega a tempo vergine u anki sussegwentement quddiem din il-Qorti, u aktar minn hekk il-fatt stess li mkien il-Pulizija ma sabet affarijiet relatati mad-droga ghand l-imputat appellant joholqu iktar minn semplici dubju ragonevoli fuq il-htija tieghu. Ix-xiehda biss ta' Azzopardi mhijiex bizzejjed, aktar u aktar meta wiehed iqis il-fedina penali ta' Azzopardi li tnaqqas il-kredibilita` tieghu bhala xhud. Forsi Azzopardi indika lill-appellant bhala l-bejjiegh tad-droga li kellu fuqu biex ikun qed jidher li jikkollabora mal-pulizija mentri l-bejjiegh kien persuna ohra. Dan huwa iktar minn dubju ragonevoli li realment jista' jinholoq meta wiehed jikkunsidra x'tip ta' persuna huwa Malcolm Azzopardi."

Huwa veru li l-uniku xhud kontra l-appellant huwa l-imsemmi Malcolm Azzopardi. Skond l-artikolu 30 tal-Kap. 101, id-depozizzjoni ta' dan ix-xhud ma tirrikjedix il-korroborazzjoni li normalment hi rikjesta fil-kaz tad-depozizzjoni tal-komplici. Dan jitfa' responsabbilta` kbira fuq il-Qorti - kemm l-ewwel Qorti kif ukoll din il-Qorti ta' Appell Kriminali - li tezamina sew u bid-dettal id-depozizzjoni tieghu u ta' xhieda ohra biex tara jekk ghandhiex temmen lil dan Azzopardi, specjalment f'dik il-parti fejn jghid li l-eroina nghatat lilu mill-appellant[1].

Skond Azzopardi, huwa kien inghata pakkett eroina tal-valur ta' Lm25 mill-appellant bil-ftehim li jekk Azzopardi jbiegh hamsa l-appellant jaghtih wiehed b'xejn. Azzopardi jghid li qassam l-eroina li nghata f'numru ta' pakketti ghall-uzu tieghu u biex ibighhom. Wara li Azzopardi gie arrestat, l-appellant mar id-dar tieghu jhedded u jinsisti li ried il-pakketti lura. L-appellant cahad li qatt ta droga lil Azzopardi.

Is-sentenza appellata nghatat mill-ewwel Qorti presjeduta differentement minn dik li semghet ix-xhieda. Jigifieri l-ewwel Qorti, fl-ghoti tas-sentenza taghha, ma setghetx taghmel konsiderazzjonijiet dwar "l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud"[2]. Dan ma jfissirx li, a bazi tal-provi mressqa, l-ewwel Qorti ma setghetx tasal ghal decizjoni dwar liema mill-verzjonijiet moghtija ghanda mis-sewwa. Naturalment, billi ma kinitx semghet x-xhieda *viva voce*, ir-responsabbilta` fuqha biex tgharbel sew il-verzjonijiet kontrastanti moghtija hija ikbar u huwa rakkommandabbli li f'kazijiet analogi l-provi jinstemghu mill-gdid. F'dan il-kaz pero` jirrizulta li d-difiza stess irregistrat dikjarazzjoni fis-seduta ta' l-24 ta' Gunju 2003 fis-sens "illi m'hemmx ghalfejn jergghu jinstemghu x-xhieda li di gia` gew irregistrati quddiem dina l-Qorti kif diversament presjeduta". U difatti l-ewwel Qorti, a bazi ta' dik id-dikjarazzjoni, ma regghetx ghaddiet biex tisma' l-provi mill-gdid.

1 Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Johann Zammit**, 18 ta' Jannar 2001.
2 Artikolu 637 tal-Kap. 9.

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti kkwotat fid-dettal dak li qal Malcolm Azzopardi sabiex, kif qalet hi stess, "tkun tista' tizen jekk dan ix-xhud hux affidabbli jew le". Hija mbaghad kkunsidrat hekk:

"(a) Din ix-xiehda nghatat meta l-kundanna ghax-xhud kienet diga` maghrufa meta xehed ghaliex is-sentenza kontrieh inghatat fit-30 ta' Settembru, 1999 waqt li x-xiehda tieghu kienet fit-28 ta' Jannar 2000 waqt illi fit-13 ta' Ottubru, 1999 kien diga` ntbaghat il-habs.

(b) Din ix-xiehda ma kinitx kontradetta fil-kontro-ezami.

(c) Ir-risposti moghtija lil hafna domandi li saru mill-Qorti kienu cari.

(d) Ikkonferma l-laqam ta' l-imputat.

(e) Ikkonferma li kien intwera r-ritratti mill-Ispettur u gharaf lill-imputat.

(f) Qal bla tlaqliq minghand min kien xtara d-droga."

Dwar ix-xiehda ta' l-appellant ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"Min-naha ta' l-imputat, dan fittex li jinnega li kien xi midhla tax-xhud jew li kien tah xi droga. Kien hemm ukoll allegazzjoni li l-habiba (mara) tax-xhud ghamlet hsara lill-imputat.

Din ix-xiehda mhija konvincenti xejn. F'mumenti minnhom id-difiza tkellmet tnax-il vers u l-imputat wiegeb xott, xott fi tnejn. Siltiet twal huma dwar li kien jinzel il-pjazza u jingabar mill-pulizija ghal xejn. Wara l-kjarezza tax-xiehda ta' Malcolm Azzopardi tat-28 ta' Jannar 2000, l-imputat, li kien qed jixhed fl-10 ta' Settembru, 2002, zgur seta' kien aktar enfatiku, grafiku u qawwi fix-xiehda tieghu u mhux jahli aktar minn nofs il-hames pagni f'risposti limitatissimi u difensivi."

Huwa veru li l-ewwel Qorti ma rriferietx ghall-fatt li fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija l-appellant kien innega li qatt biegh droga, u lanqas ma rriferiet ghall-fatt li ma rrizultax li nstabet xi haga ghand l-appellant jew fuq il-persuna tieghu relatata mad-droga. Din il-Qorti tosserva pero` li l-appellant gie interrogat fil-21 ta' Novembru 1998 wara li kien xehed Malcolm Azzopardi fl-10 ta' Novembru 1998 fil-proceduri li kienu ttiehdu kontra tieghu stess u dan dwar kaz li kien jirrisali ghal Novembru 1996. Ghalhekk ma kienx kaz ta' stqarrija mehuda *a tempo vergine* u lanqas ma jirrizulta li kienet saret tfittxija dak iz-zmien, cioe` fl-1996, fir-residenza ta' l-appellant. Il-fatt li fuq il-persuna tieghu l-Pulizija ma sabu xejn hija prova li f'dak il-mument partikolari ma kienx fil-pussess ta' droga fuq il-persuna tieghu.

L-appellant jattakka l-kredibilita` ta' Malcolm Azzopardi u jsostni li l-ewwel Qorti kellha tikkunsidra l-fedina penali "voluminuza" tieghu. Din il-Qorti tosserva li l-fedina penali ta' Azzopardi ma hi "voluminuza" xejn. Tikkonsisti f'zewg pagni[3] li jirreferu ghal kaz ta' serq ta' rolls ta' wire tad-dawl deciz fit-12 ta' Novembru 1993, kaz dwar pussess ta' eroina deciz fit-28 ta' Lulju 1997 u l-kaz attwali, cioe` fejn Azzopardi implika lill-appellant. L-ahhar kaz indikat fil-fedina penali huwa aktar recenti u jirrigwarda incident[4] li nqala' fit-2 ta' Settembru 1999 u deciz fl-20 ta' Ottubru 1999. Tinnota din il-Qorti li fost dawn il-kazijiet ma hemm l-ebda kaz fejn Azzopardi nstab hati li halef il-falz! Il-kredibilita` ta' Azzopardi ma tistax ghalhekk certament tiddependi mill-fedina penali tieghu u n-natura tar-reati hemm indikati.

Issa, apparti l-konsiderazzjonijiet li saru mill-ewwel Qorti, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax li Malcolm Azzopardi kien xehed ukoll fil-proceduri li kienu ttiehdu kontra tieghu u stqarr li kien akkwista d-droga in kwistjoni minghand l-appellant; li l-Ispettur Nicholas Ciappara xehed li kien wera r-ritratti Dok. R1 u R2 (a fol. 10 tal-process) lil Malcolm Azzopardi u dan ikkonferma mieghu li kienu tal-persuna (cioe` l-appellant) li kien xtara d-droga

[3] Ghal xi raguni gew esebiti zewg kopji ta' l-istess fedina penali a fol. 54 u a fol. 55.
[4] Li jidher li kien wiehed familjari, cioe` bejn Azzopardi u l-mara tieghu.

minghandu; li l-appellant ma cahad xejn dwar dak li qal Malcolm Azzopardi rigwardanti t-theddid ta' l-appellant meta mar id-dar tieghu; li meta l-appellant beda jixhed, l-ewwel cahad li jaf lil Malcolm Azzopardi, imbaghad qal li go Haz-Zebbug kulhadd isellem lil xulxin izda qatt m'ghamilha ma' Azzopardi, imbaghad jammetti li kien jafu ghax kien jaf lil mart Azzopardi, u fl-ahhar sahansitra jindika li meta Azzopardi gie arrestat huwa kien mieghu ghax ighid li kien bilqieghda ghall-affari tieghu, ra s-CID gejjin u kieku kien komplici kien jghidlu (lil Azzopardi) biex jiskappa.

Mhux kull konflitt fil-provi awtomatikament (kif donnu jippretendi l-appellant) iwassal ghal-liberazzjoni ta' l-akkuzat. Bhalma ntqal fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Police vs Graham Charles Ducker** deciz fid-19 ta' Mejju 1997:

**"It is true that conflicting evidence <u>per se</u> does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt; whoever has to judge may, after consideration of all the circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one"**.

Hekk ghamlet l-ewwel Qorti. U din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-process kollu u ghamlet il-konsiderazzjonijiet hawn fuq esposti, ma tara l-ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddisturba l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------